MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

**MAGISTRAT DR.**
**MARSEANN FARRUGIA**

Seduta tat-22 ta' Gunju, 2011

Numru 176/2007

**Il-Pulizija**
**(Spettur Angelo Gafa)**

**vs.**

**Sammy (Saviour) Gatt**

Il-Qorti,

Rat l-imputazzjoni migjuba kontra Sammy (Saviour) Gatt ta’ 37 sena, bin Victor u Rose nee Mifsud, imwieled Attard, fl-1 ta’ Gunju 1969, residenti fi Plot 22, Triq Ghajn Zejtuna, Santa Marija Estate, Mellieha u detentur tal-karta’ ta’ l-identita bin-numru 242469(M)

1. Talli f’dawn il-Gzejjer, f’xi perjodu bejn Awissu 2006 u s-26 ta’ Settembru 2006, ghamel falsifikazzjoni f’att awtentiku u pubbliku, jew fi skrittura kummercjali jew ta’ bank privat, b’falsifikazzjoni jew b’tibdil fl-iskrittura jew fil-

firem, billi hloqt pattijiet, disposizzjonijiet jew obbligi foloz jew helsien falz minn obbligi, jew billi dahhalt dawn il-pattijiet, disposizzjonijiet, obbligi jew helsien minn obbligi f'dawk l-atti jew skritturi wara li kienu gew iffirmati, inkella billi zidt jew biddilt klawsoli, dikjarazzjonijiet jew fatti, illi dawk l-atti jew skritturi kellhom ikollhom fihom jew kellhom jippruvaw, u cioe logbook ta' vettura bin-numru ta' registrazzjoni FBM-372 u liema dokument igib in-numru D/015401;

2. kif ukoll talli fl-istess perjodu u cirkostanzi, xjentement ghamilt uzu minn att, kitba jew skrittura falza msemmija fil-paragrafu ta' qabel, u cioe logbook ta' vettura bin-numru ta' registrazzjoni FBM-372 u liema dokument igib in-numru D/015401;

3. u aktar talli fl-istess perjodu u cirkostanzi sabiex jikseb xi vantagg jew beneficcju ghalih jew ghal haddiehor, f'xi dokument mahsub ghal xi awtorita pubblika, xjentement ghamel dikjarazzjoni jew stqarrija falza, jew ta taghrif falz, u cioe logbook ta' vettura bin-numru ta' registrazzjoni FBM-372 u liema dokument igib in-numru D/015401;

4. kif ukoll talli fl-istess perjodu u cirkostanzi, ghamel falsifikazzjoni ohra jew xjentement ghamel uzu minn xi dokument iehor falsifikat, u cioe logbook ta' vettura bin-numru ta' registrazzjoni FBM-372 u liema dokument igib in-numru D/015401;

5. u aktar talli fil-21 ta' Ottubru 2006 ghall-habta ta' l-erbgha u tminn minuti ta' fil-ghodu, fi Triq in-Nutar Zarb, saq vettura ta' l-ghamla Kia Carens bin-numru tar-registrazzjoni FBM-372 minghajr ma kienet licenzjata mill-Pulizija jew mill-Awtorita dwar it-Trasport ta' Malta biex tintuza fit-triq (licenzja mhux imgedda), jew minghajr licenzja tas-sewqan specifikata ghall-imsemmija vettura;

6. kif ukoll talli fl-istess data, lok u cirkostanzi, saq vettura ta' l-ghamla Kia Carens bin-numru ta' registrazzjoni FBM-372 minghajr ma kienet koperta b'polza tas-sigurta dwar riskji ta' terzi persuni.

Il-Qorti giet mitluba li minbarra li taghti l-piena stabbilita tordna li l-akkuzat jigi skwalifikat mil-licenzji kollha tieghu tas-sewqan ghal perjodu ta' mhux inqas minn tnax-il xahar ai termini ta' l-Artikolu 3(2A) tal-Kap. 104 tal-Ligijiet ta' Malta.

Il-Qorti giet ukoll gentilment mitluba sabiex f'kaz ta' htija tikkundana lill-akkuzat ghall-hlas ta' spejjes li jkollhom x'jaqsmu mal-hatra ta' esperti jew periti fil-proceduri hekk kif ikkontemplat fl-Artikolu 533 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta.

Wara li rat il-kunsens moghti mill-Avukat Generali bis-sahha ta' l-Artikolu 370(4) tal-Kodici Kriminali, sabiex dan il-kaz jigi ittrattat bil-procedura sommarja u wara li rat li l-imputat ma kellux oggezzjoni li l-kaz jigi hekk trattat.

Wara li semghet ix-xhieda u rat l-atti kollha tal-kaz u d-dokumenti ezebiti.

Wara li rat li fis-seduta tat-23 ta' Frar 2011, l-ufficjal prosekutur iddikjara li huwa mhux ser jaghmel trattazzjoni jew jipprezenta nota ta' sottomissjonijiet, imma qed jirrimetti ruhu ghall-provi.

Wara li rat in-nota ta' sottomissjonijiet ta' l-imputat;

Ikkunsidrat:

Dan il-kaz jikkoncerna falsifikazzjoni ta' firma fuq *logbook* bin-numru D015401 ta' karozza ta' l-ghamla Kia Carens bin-numru tar-registrazzjoni FBM-372. Dan il-kaz tqajjem wara li certu Michael Attard kien ircieva citazzjoni tat-traffiku ghal sewqan eccessiv gewwa Attard in konnessjoni mal-vettura FBM-372. Michael Attard huwa direttur tas-socjeta Michael Attard Limited, importatur tal-karozzi Peugeot hawn Malta. Meta ircieva c-citazzjoni Michael Attard ghamel ilment ma' l-Awtorita tat-Trasport Pubbliku ghax qal li huwa qatt ma kien iffirma sabiex din l-vettura FBM-372 tkun fuq ismu u allura qal li xi hadd kien

iffalsifikalu l-firma fuq il-*logbook*. Fuq il-*logbook* in kwistjoni kien hemm ukoll firma allegatament ta’ l-imputat bhala xhud tal-firem.

Minn stharrig li sar jirrizulta li l-imputat huwa *dealer* tal-karozzi u jiggestixxi negozju bl-isem *Premier Auto Dealer* Haz-Zebbug. Il-vettura FBM-372 kienet originarjament tghajjat lis-socjeta Leaf Ltd., li d-diretturi taghha kienu Francis u martu Emanuela Attard. It-tifel taghhom Jean-Pierre Attard mar jiddilja ma’ l-imputat biex ipartat il-vettura FBM-372 ma’ Toyota RAV4, li iggib in-numru GBF-373. Biex jaghmel dan, Jean-Pierre Attard kien gab il-firem tal-genituri tieghu ghall-awtorizzazzjoni tat-trasferiment fuq il-*log book*, pero l-imputat ma kienx prezenti meta l-genituri tieghu iffirmaw.

Fl-istqarrija tieghu, l-imputat ammetta li kien iffirma bhala xhud tal-firem fuq il-*logbook* tal-vettura FBM-372 u dan minghajr ma kien fil-fatt xhud tal-firem fuq l-istess trasferiment ta’ vettura. Huwa ammetta wkoll li kien iffalsifika l-firma ta’ Michael Attard bhala is-sid il-gdid fuq l-istess *logbook.* Fl-istqarrija l-imputat qal li dan ghamlu biex ihaffef il-proceduri, ghaliex hu kien jiddilja regolarment ma’ Michael Attard. Dwar l-kontravvenzjoni tas-sewqan, Sammy Gatt qal li dak iz-zmien il-licenzja tat-triq tal-vettura FBM-372 kienet fil-pussess ta’ l-Awtorita dwar it-Trasport ghaliex, din meta giet allegatament trasferita lil Michael Attard, din giet trasferita for *re-sale* u ghalhekk ma setghetx tinsaq barra. Huwa ametta wkoll li l-vettura ma kienitx koperta b’polza ta’ assigurazzjoni.

Fix-xhieda tieghu quddiem din il-Qorti, pero, l-imputat innega dak kollu li qal fl-istqarrija, u qal li huwa ta dik il-versjoni fl-istqarrija biex ifittex jitlaq il-barra mill-ghassa, ghax kellu problemi ta’ sahha, kemm tieghu kif ukoll tal-familjari tieghu li kienu ta’ iktar importanza.

Fir-rapport taghha l-espert kaligrafu il-P.L. Juliana Scerri Ferrante waslet ghall-konkluzjoni illi:

*“Fl-opinjoni taghha, il-firma in kwistjoni u cioe il-firma li tindika Michael Attard fuq id-dokument AG3* (li huwa l-

logbook tal-vettura FBM-372), ***ma hiex il-firma awtentika ta' Michael Attard.***

*Illi ma hargu l-ebda karatteristici mill-iskrittura tal-imputat illi setghu jindikaw illi huwa setgha (recte seta') iffirma din il-firma, u ghalhekk hija qed tikkonkludi illi il-probabilita hija li l-imputat (Sammy Gatt) ma iffirmax din il-firma hekk falsifikata.*

*Illi hija l-opinjoni ukoll ta' l-esperta illi l-awtur tal-firma tax-xhud tal-firem huwa l-istess awtur tal-firma in kwistjoni, u cioe, l-istess persuna li iffirma il-firma ta' Michael Attard, infatti intuzat ukoll l-istess pinna."*
Minn dan ir-rapport jidher li fuq bazi ta' probabilita ma kienx l-imputat li iffalsifika l-firma ta' Michael Attard u l-prosekuzzjoni ma gabet l-ebda prova li l-imputat kien jaf li l-firma ta' Michael Attard kienet giet falsifikata u/jew ghamel xjentement ghamel uzu mill-*logbook* in kwistjoni meta kien jaf li l-firma ta' Michael Attard kienet giet falsifikata. Konsegwentement, il-Qorti ikollha tikkonkludi li fir-rigward l-akkuzi ta' falsifikazzjoni, u uzu ta' dokument falz ma gewx ippruvati sal-grad rikjest mill-ligi fil-kamp kriminali.

Rigward l-akkuzi li jikkoncernaw is-sewqan tal-vettura FBM-372 minghajr ma kellha licenzja biex tintuza fit-triq u minghajr ma kienet koperta b'polza tas-sigurta dwar riskji ta' terzi persuni, l-imputat xehed li fil-21 ta' Otturbru 2006, habib tieghu, certu Jonathan Pace, talbu karozza biex jaghmel qadja tieghu personali u l-imputat tah il-vettura FBM-372. Dan ikkonfermah ukoll fix-xhieda tieghu Jonathan Pace li ikkonferma wkoll li fil-21 ta' Ottubru 2006 ghall-habta ta' l-4.08a.m. – cioe meta saret l-kontravvenzjoni ta' sewqan eccessiv - kien hu li kien qed isuq il-vettura fl-akwati ta' H'Attard

L-imputat xehed li fil-fatt il-vettura kienet koperta b'polza tas-sigurta u ezebixxa certifikat ta' polza ta' assikurazzjoni mahrug mis-socjeta SMS Insurance li tkopri l-vettura in kwistjoni ghall-perjodu mill-25 ta' Settembru 2006 sat-30 ta' Gunju 2007. Dan ic-certifikat gie konfermat mix-xhud Richard Vella, General Manager ta' SMS Insurance.

Ghaldaqstant l-akkuza ta’ nuqqas ta’ polza tas-sigurta ma gietx pruvata.

L-imputat xehed ukoll li l-vettura in kwistjoni setghet tinstaq fit-triq ghax huwa kellu l-assigurazzjoni u permess ta’ dealer.[1] L-imputat qatt ma esebixxa il-permess tieghu ta’ dealer, u l-fatt li l-vettura tkun koperta b’assigurazzjoni ma jfissirx li jkollha wkoll il- licenza biex tintuza fit-triq, kif jesigu l-Artikolu 15 tal-Kap 65 u r-regolament 14 ta’ l-Avviz Legali 476/2004. Skond ix-xhud Christopher Darmanin, rapprezentant ta’ l-Awtorita dwar it-Trasport Pubbliku,[2] fis-26 ta’ Settembru 2006 sar trasferiment minn Attard Frank ghan-nom ta’ Leaf Limited ghal fuq *resale* Michael Attard Limited, li r-rapprezentant taghha huwa Michael Attard. Skond l-istess xhud meta il-vettura tigi trasferita bhala *resale*, trid tinstaq bit-*trial run plate*, u tista’ tinstaq biss ghal certi skopijiet specifikati fl-Avviz Legali 476/2004.

Fil-fatt ir-regolament 29 ta’ l-Avviz Legali 476/2004 jippreskrivi:

*“(1) Kull persuna li tiftiehem li tbiegh, li tbiegh, jew xort’ohra tnehhi l-vettura bil-mutur taghha, ghandha, fi zmien sebat ijiem, taghti avviz bil-miktub dwar dan lill-Awtorità, maghdud l-isem u l-indirizz tal-persuna li tixtri, jew tiftiehem li tixtri, l-imsemmija vettura bil-mutur u ghandha wkoll tikkonsenja lill-Awtorità l-licenza relattiva. Dak l-avviz ghandu jinghata permezz ta’ formola provduta mill-Awtorità.*

*(2) (a) Kull persuna li tbiegh jew xort’ohra tittrasferixxi lil persuna ohra xi vettura bil-mutur, ghandha timla kif suppost u tghaddi lill-Awtorità l-Formola dwar it-Trasferiment ta’ Vetturi li tinsab mac-crtifikat ta’ registrazzjoni, u ghandha taghti lil dik il-persuna l-ohra l-vettura bil-mutur u l-kumplament tac-certifikat ta’ registrazzjoni tal-vettura bil-mutur. L-Awtorità ghandha mbaghad tohrog licenzja ghall-vettura f’isem is-sid il-gdid*

[1] Ara xhieda ta’ l-imputat a fol. 99 u a fol 102 tal-process.
[2] Ara xhieda ta’ Christopher Darmanin a fol. 32 *et seq* tal-process.

*u tohrog certifikat ta' registrazzjoni gdid lis-sid il-gdid."* (sottolinear tal-Qorti)

Fil-kaz odjern, ma jirrizultax li l-Awtorita kienet harget licenzja ghall-vettura fuq is-sid il-gdid tal-vettura – ufficjalment Michael Attard - u ghalhekk il-licenzja kienet ghadha f'idejn l-Awtorita, u l-vettura setghet biss tinsaq fit-triq bit-*trial run plates,* kif jiddisponi r-Regolament 38(f)(iii) ta' l-Avviz Legali 476/2004: *"(f) pjanci 'Trial Run' bin-numri suwed fuq sfond abjad jistghu jintuzaw biss: ... ... (iii) fuq vetturi bil-mutur fil-kustodja ta' negozjant fil-vetturi bil-mutur ghal skop ta' bejgh ... ..."*

In oltre, ir-Regolament 38(g) jippreskrivi illi: *"(g) pjanci 'Trial Run' ma ghandhomx jintuzaw hlief ghal tragitt bi prova."*

Mill-provi jirrizulta li fil-gurnata in kwistjoni, il-vettura ma insaqitx bit-*trial run plates* u lanqas intuzat ghal skop ta' tragitt bi prova, imma sabiex habib tieghu, certu Jonathan Pace jaghmel qadja personali.[3] Konsegwentement ma jirrizultax li l-vettura giet misjuqa in konformita mal-ligijiet u regolamenti rilevanti.

Ghal dawn il-motivi, il-Qorti, wara li rat l-Artikoli 183, 184, 188, 189 tal-Kapitolu 9, l-Artikolu 15(1)(a) u 15(3) tal-Kapitolu 65, ir-regolamenti 14, 29 u 38 ta' l-Avviz Legali 476/2004, u l-Artikolu 3 tal-Kapitolu 104 tal-Ligijiet ta' Malta, fil-waqt li issib lill-imputat mhux hati ta' l-ewwel, it-tieni, it-tielet, ir-raba' u s-sitt akkuza u qieghda tilliberah minnhom, izda issibu hati tal-hames akkuza u tikkundannah ghall-hlas ta' multa ta' mitejn u tletin euro (€230.00).

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------

[3] Ara xhieda ta' l-imputat a fol. 95 tal-process.